MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1086/2002/1

**Globe Insurance Brokers Limited**

**Vs**

**Martin Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' wiehed u ghoxrin lira Maltija u erbgha u disghajn centezmu (Lm21.94) hlas dovut bhala premium ghall-assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici favur u sabiex tkopri lill-konvenut.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra d-dokumenti.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici qeghda tippretendi l-hlas tas-somma ta' wiehed u ghoxrin lira Maltija u erbgha u disghajn centezmu (Lm21.94).

2. Il-konvenut huwa propjetarju ta' vettura tal-marka Isuzu Gemini bin-numru CBA 986. Irrizulta li fis-sena 2000 il-konvenut kien iddecida li jbidel in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura minn CBA 986 ghal JUN 009. Irrizulta wkoll li huwa kien gharraf b'dan il-fatt lis-socjeta attrici, li min-naha taghha ghamlet l-arrangamenti mehtiega sabiex isir it-tibdil rikjest fic-certifikat ta' assigurazzjoni. Il-hlas pretiz huwa relatat mat-talba li kien ghamel il-konvenut.

3. Irrizulta li t-talba tal-konvenut sabiex jinbidel in-numru tal-vettura, ma gietx milqugha mill-awtoritatjiet kompetenti. Il-konvenut naqas li jgharraf lis-socjeta attrici b'dan il-fatt, u kien biss f'Marzu 2001 (wara li rcieva kont mahruga mis-socjeta attrici) li gharrafha b'dan il-fatt. Fatt li gie kkonfermat mill-konvenut innifsu fil-kors tax-xhieda li ta quddiem it-Tribunal.

4. Is-socjeta attrici qeghda tippretendi li l-hlas xorta huwa dovut stante li xorta sar ix-xoghol.

5. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u wara li qies il-provi kollha, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-hlas pretiz huwa dovut. Effettivament is-socjeta attrici mxiet skond l-istruzzjonijiet moghtija mill-klijent. Jekk dan ta' l-ahhar naqas milli jgharraf lis-socjeta attrici fiz-zmien opportun li n-numru tal-vettura kien baqa' l-istess, ma jistax jippretendi li ma jhallasx tax-xoghol li kien sar. Inoltre l-ammont mitlub, u li r-rapprezentant tas-socjeta attrici ddikjara li hallsu lill-kumpannija assiguratrici, ma jirrizultax li huwa wiehed eccessiv.

6. Mill-provi rrizulta wkoll li l-hlas dovut huwa ta' tmintax-il lira Maltija u tmenin centezmu (Lm18.80) (ara f'dan is-sens xhieda ta' Salvino Mifsud Bonnici u Dok. E).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmintax-il lira Maltija u tmenin centezmu (Lm18.80), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) jithallsu mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**